MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Avviz Numru. 132/2004

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Episode Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-9 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u tnejn u sebghin Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM3,072.77) bilanc ghad-debitu fil-"Current Account" ta' Episode Company Limited mal-**

**Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “A1” sa “A24”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru tas-sena 2003 sal-jum tal-pagament effettiv.**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 6 ta’ Frar tas-sena 2002 (Dok. “B”) u tal-Mandat ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta jammetti t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz promotur;**

**Ghaldaqstant tiddeciedi billi tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Episode Company Limited thallas lill-Bank attur l-ammont ta’ tlett elef tnejn u sebghin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM3,072.77), bilanc minnha dovut kif indikat fl-istess avviz flimkien ma’ l-imghax dovut mill-1 ta’ Ottubru tas-sena 2003, bl-ispejjez skond il-ligi.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------